# NIEĦDU ĦSIEB

Meta morru xi ħarġa jew vaganza, dawk li jieħdu ħsiebna jinkwetaw li nintilfu. Meta nieħdu triq ħażina, nistgħu naraw veduti sbieħ imma nistgħu ukoll nidħlu fil-periklu. F'ħajjitna, niltaqgħu ma nies, li f'ħajjithom għażlu t-triq il-ħażina. Għażlu li ma jħobbux lil Alla, lill-oħrajn u lill-ħolqien kollu. Alla jinkwieta għall-dawn n-nies!!! Alla ma jridx li aħna niġġudikawhom. Hu jridna li bl-imħabba ninkoraġġuhom jagħżlu t-triq it-tajba.

- **Ħu ftit ħin biex taħseb f'dawk in-nies li mhumiex iħobbu lil Alla, lill-oħrajn u lill-ħolqien.**
- **Penġi qalb għal kull persuna li ħsibt fiha, fuq il-karta forma ta' passaġġ.**
- **Issa tista' titlob lil Alla biex jgħinek twassal l-imħabba tiegħu lil dawn in- nies li ntilfu minn mal-komunità ta' dawk li jemmnu.**